**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 189/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Clint Vella**

Illum, 26 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Clint Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 319483(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Diċembru 2018 u fix-xhur ta' qabel u ta' wara, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir uzu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu, għad-detriment ta' Jason Galea u/jew Liftman Malta Ltd;
2. Ikkometta serq aggravat bil-persuna u bil-valur għad-dannu ta' Jason Galea u/jew Liftman Malta Ltd;
3. Bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu jew ħatt bini jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma, jew b'xi mod

ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor għad-detriment ta' Jason Galea u/jew Liftman Malta Ltd.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Mejju 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 85, 261, 267, 268, 279, 280, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u iddikjarat lil Clint Vella ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet dedotti u minflok piena lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza u dana ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżntat fl-24 ta' Mejju 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn sabet lill-appellat ħati tar-reati kollha miġjuba kontrih;
2. Tħassar u tirrevoka il-piena tal-Ewwel Onorabbli Qorti u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Ġenerali jikkonċerna unikament in-natura tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti għaliex, fil-fehma tiegħu, din mhijiex waħda kkontemplata fil-liġi. Jikkontendi illi ġaladarba l-appellat kien misjub ħati, fost oħrajn tar-reat mħaddan fl-artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, bil-piena tkun dik kkontemplata fl-artikolu 310(1)(a), fid-dawl tal-fatt illi l-ħsara kkaġjonata teżorbita l-ammont ta' €5000, kwindi l-Ewwel Qorti ma setatx tgħaddi biex tapplika id-dispożizzjonijiet ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-appellat u dan għaliex il-piena kkontemplata fil-liġi teżorbita

dik ta' seba' snin priġunerija biex b'hekk tapplika l-esklużjoni mfassla mill-leġislatur għal din il-piena alternattiva għall-ħabs effettiv.

Illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun f'dan l-ilment minnu ventilat. L-appellat Clint Vella huwa mixli b'mod ewlieni bir-reat tal-approprjazzjoni indebita f'ammont ta' aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000), bil-qorti għalhekk kellha tapplika l-piena maħsuba fl-artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' dik tal-priġunerija ta' bejn sentejn u disa' snin priġunerija.

Illi, l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi illi:–

> **Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta' reat (li ma jkunx reat punibbli biss b'multa jew ammenda) <u>u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta' ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin)</u> jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' probation u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista' tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data tal-ordni, skont ma jiġi speċifikat fl-istess ordni ... <u>(enfazi tal-Qorti)</u>**

Illi, għalhekk stante li wieħed mir-reati addebitati lill-appellat jiskorri s-seba' snin priġunerija, l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta'l-appellat. Jikkonsegwi illi l-piena erogata mhijiex waħda ikkontemplata fil-liġi u għandha tiġi varjata biex b'hekk l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment. Illi lanqas ma jidher illi kienu jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi ravviżati fil-*proviso* għall-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446, applikabbli *mutatis mutandis* għall-artikolu 22 li setgħu jiġġustifikaw l-liberazzjoni kondizzjonata erogata mill-Ewwel Qorti. Għallinqas l-Ewwel Qorti dan ma tindikahx fis-sentenza appellata.

Issa meta tiġi biex tqies ix-xorta u l-kwantità tal-piena li l-appellat għandu jkun kkundannat għaliha, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif indikati wkoll fis-sentenza appellata, inkluż għalhekk l-ammissjoni bikrija tal-appellat

kif ukoll il-fatt li llum 'il ġurnata ma baqa' l-ebda pendenzi bejn il-partijiet konċernati hekk kif ġie vverbalizat fis-seduta datata 3 ta' Mejju 2023. Qieset ukoll illi t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma alternattivi għall-ewwel imputazzjoni u li għalhekk għandha tingħata il-piena għar-reat imfassal f'dik l-imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali. Tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi :**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih; u**

ii) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellat ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn u minflok, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' sentejn, liema piena qed tiġi sospiza għal żmien sena mil-lum.**

**Il-Qorti spjegat lill-appellat Clint Vella l-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**